Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 1933/2005

**Richard Muscat Azzopardi u Matthew Bugeja ezercjenti l-kummerc bl-isem ta' MB Creations (appellati)**

**Vs**

**Guy Kurkjian (appellant)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. Il-konvenut appella minn sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-27 ta' Settembru 2007 u 7 ta' Dicembru, 2012. Fl-ewwel sentenza t-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li mhuwiex il-legittimu kontradittur. Bit-tieni sentenza t-Tribunal cahad ir-rikonvenzjoni u laqa' t-talba tal-atturi u kkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' €1,841.34 bl-imghax mid-data li gie pprezentat l-avviz tat-talba.

2. L-aggravji tal-appellant huma kollha bazati fuq l-apprezzament tal-fatti.

3. L-atturi ma wigbux.

4. **<u>Sentenza tas-27 ta' Settembru, 2007</u>**.

   Il-konvenut isostni li:

   *"9.1 Il-fatt li l-appellant kien qieghed jagixxi f'isem haddiehor u mhux f'ismu personalment, u li dan il-fatt kien ben maghruf lill-appellati, jirrizulta inekwivokabilment minn dak li jghidu l-appellati stess (specjalment l-appellat Muscat Azzopardi) u Greta Muscat Azzopardi impjegati tal-appellanti".*

   Il-qorti tosserva li l-eccezzjoni li l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur hi ghal kollox inkompatibbli mar-rikovenzjoni li ppropona hu stess fejn talab li l-atturi jigu kkundannati jhallsu d-danni ghaliex, *"is-servizz li ghalih tqabbdu l-atturi ma giex ezegwit u ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha, u minhabba f'hekk il-konvenut sofra danni li dan it-Tribunal huwa mitlub jillikwida, liema danni ma jeccedux Lm1,500".* Ir-rikonvenzjoni ghamilha f'ismu personali. Irrispettivament x'irrizulta mill-provi, fuq dan il-fatt biss l-ewwel eccezzjoni kellha tigi michuda. Sahansitra, fl-aggravji stess li l-appellat ressaq ghas-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2012 qal (fol. 4):

   *"10.1 Illi bhala fatt **<u>l-appellati kienu tqabbdu mill-appellat</u>** sabiex jaghmlu xoghol ta' web design li anke skont l-appellat Bugeja ma kienx ghadu lest kompletament……"*

Inoltre l-konvenut ibbaza l-ewwel aggravju fuq dak li xehedu l-attur Muscat Azzopardi u Greta Muscat Azzopardi (ara paragrafi 9.2 u 9.3). Il-qorti tosserva li dik hi xhieda li nghatat wara s-sentenza preliminari. Din il-qorti ghandha tiddeciedi a bazi tal-provi li t-Tribunal kellu quddiemu fl-istadju li nghatat is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007. Din hi qorti ta' revizjoni u jekk kellha tqies il-provi li tressqu wara l-ewwel sentenza, ikun ifisser li ser tiddeciedi fuq provi li ma kinux quddiem it-Tribunal meta ta l-ewwel sentenza. Fil-fehma tal-qorti mill-provi li t-Tribunal kellu quddiemu meta nghatat is-sentenza preliminari fis-27 ta' Settembru 2007, seta' jikkonkludi li n-negozju sar personalment mal-konvenut.

Ghalhekk l-ewwel aggravju hu michud.

**5. <u>Sentenza tas-7 ta' Dicembru, 2012.</u>**

It-tieni aggravju gie spjegat hekk:

*"10.2 Bhala fatt (anke kif jistqarr l-appellat Bugeja) l-appellant kien talab support (fis-sens ta' facilita' biex ikunu jistghu jsiru bidliet fl-istruttura tal-website in kwistjoni) mill-bidunett fil-fatt, oltre s-servizz ta' web designing li ghar-raguni li l-appellat Bugeja kellu jsiefer permanentement fuq xoghol barra minn Malta, l-appellati (inkluz l-appellat Muscat Azzopardi li jirrizulta li lanqas huwa kompetenti fuq materja ta' IT) ma setghux joffruh dan is-servizz u ghalhekk kellu jahseb ghaliha l-appellant. Pero' biex l-appellant seta' jahseb ghal dan is-support u effettivament ikun jista' juza l-website in kwistjoni (b'facilita' li jbiddilha minn zmien ghal zmien) inkella ma jkollha assolutament ebda utilita' kellu bzonn minghand l-appellati 'l hekk imsejjah source code li ghar-raguni jew ragunijiet li jafu l-appellati, ma tawhiex lill-appellant minkejja laqghat f'dan is-sens bl-iskop li l-appellant jircievi din is-source code u l-appellati jithallsu ta' xogholhom, minkejja li ma kienx komplet f'xi dettalji.*

*Minghajr dan is-source coed li l-appellati ma kinux gustifikati li jzommu ladarba ma kinux ippreparati li joffru support, il-website in kwistjoni ma kellha l-ebda utilita ghall-appellant u ladarba ma kellha l-ebda utilita', l-appellant kellu kull dritt li jirrifjuta li jhallas, qabel ma' l-appellati (qua appaltaturi) jirrenduha utli. Dan il-principju jidher li gie njorat ghal kollox mill-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet Zghar".*

Dwar dan l-aggravju hemm verzjonijiet kontrastanti (ara dik tal-konvenut a fol. 71 et seq., u ta' Muscat Azzopardi a fol. 101. L-attur Bugeja stess xehed[1], *"L-invoice hareg wara li l-website went live. Meta jiena fl-affidavit tieghi ghidt illi l-website went live meta kienet ghadha fi stat avvanzata hafna, dan proprjament ridt nghid illi kienet lesta.* ***Jiena cempilt lill-konvenut diversi drabi biex ihallas. Il-konvenut dejjem qalli no problem se nhallas."*** (fol. 83). Verzjoni mhux kontradetta. Il-qorti mhijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li l-verzjoni tal-konvenut hi iktar kredibbli minn dik tal-attur. Inoltre, ghalkemm l-appellant xehed, *"I state that since these matters were never*

[1] Seduta 5 ta' Frar, 2010.

*solved, I had appointed a third party to put the website back on the internet, however this third party did that but could not carry out any amendments or adjustments to the website at all, or rather the amendments which could be carried out by the third party were limited"*. Pero ma ressaq l-ebda prova dokumentarja jew xhieda li jikkonfermaw tali fatt. L-appellant ma spjegax ghalfejn il-verzjoni tieghu ghandha titwemmen.

Il-qorti tkompli tosserva li:

i. Fil-meritu l-eccezzjoni kienet li l-atturi ma tawx is-servizz li dwaru ghamlu l-kawza u ma sarx skond is-sengha u l-arti. Mill-provi jirrizulta li x-xoghol li tieghu ntalab il-hlas, sar. Dan kien jikkonsisti f'*web design* ta' *website* u xoghol iehor. Inoltre, m'hemmx prova li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Fil-fatt f'*email* datata 6 ta' Dicembru 2005 (fol. 33) li l-konvenut baghat lill-atturi, m'hemm l-ebda accenn li ma sarx ix-xoghol li tieghu ntalab il-hlas jew li sar mhux skont is-sengha u l-arti. Il-kont hareg fil-21 ta' Gunju, 2005, u ghalhekk jidher li l-*email* intbaghatet wara li kien tlesta x-xoghol. Il-qorti kienet tistenna li kieku kien hemm x'ilment dwar ix-xoghol li wettqu l-atturi, dan kien jissemma fl-*email* li l-konvenut baghat fis-6 ta' Dicembru 2005.
ii. Ghalkemm issemma li l-atturi kellhom jaghtu *support* ghal *website*, fil-fehma tal-qorti il-provi jindikaw li l-uniku ftehim li kien hemm kien li jsir il-*web design*. Tant hu hekk li f'*email* datata 6 ta' Dicembru 2005, il-konvenut talab lill-atturi: *"Kindly let me have a service agreement relating to the invoiced project"*. M'hemmx prova li qatt gie konkluz *service agreement*.

Fic-cirkostanzi dan l-aggravju hu michud ukoll.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.